



KUNSILL EWROPEW

**Brussels, 20 ta' Diċembru 2013
(OR. en)**

EUCO 217/13

**CO EUR 15
CONCL 8**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW
19/20 TA' DIĊEMBRU 2013**

KONKLUŻJONIJIET

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (19/20 December 2013).

Għall-ewwel darba mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Kunsill Ewropew kellu dibattitu tematiku dwar id-difiża. Huwa identifika l-azzjonijiet ta' prijorità għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha. Dan id-dibattitu kien preċedut minn laqgħa mas-Segretarju Ġenerali tan-NATO. Huwa ppreżenta l-valutazzjoni tiegħu tal-isfidi attwali u futuri tas-sigurtà u laqa' l-isforzi u l-impenji attwali tal-UE u l-Istati Membri tagħha bħala kompatibbli man-NATO u ta' benefiċċju għaliha.

Il-Kunsill Ewropew laqa' l-approċċ ġenerali milħuq mill-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, li ser ikun element fundamentali tal-Unjoni Bankarja. Il-Kunsill Ewropew eżamina s-sitwazzjoni ekonomika u l-progress fl-implimentazzjoni tal-Patt għat-Tkabbir, l-Impjiegi u l-Kompetittività. Il-Kunsill Ewropew identifika wkoll il-fatturi ewlenin tas-Sħubijiet għat-Tkabbir, l-Impjiegi u l-Kompetittività biex tiġi appoġġata r-riforma strutturali, bil-ħsieb li d-diskussjonijiet jiġu konklużi sa Ottubru tas-sena d-dieħla.

I. POLITIKA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA KOMUNI

1. Id-difiża hi importanti. Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni effettiva tgħin fit-tisħiħ tas-sigurtà għaċ-ċittadini Ewropej u tikkontribwixxi għall-paċi u l-istabbiltà fil-viċinat tagħna u fid-dinja inġenerali. Iżda l-ambjent strateġiku u ġeopolitiku tal-Ewropa qed jevolvi rapidament. Fl-Ewropa, il-baġits għad-difiża huma ristretti, u b'hekk l-abbiltà biex il-kapaċitajiet militari jiġu żviluppati, użati u sostnuti hija limitata. Swieq tad-difiża frammentati Ewropej jipperikolaw is-sostenibbiltà u l-kompetittività tal-industrija Ewropea għad-difiża u s-sigurtà.

2. Bi tweġiba għal dawk l-isfidi, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jeżerċitaw responsabbiltajiet akbar jekk iridu jikkontribwixxu għaż-żamma tal-paċi u s-sigurtà permezz tal-PSDK flimkien mas-sħab ewlenin tagħhom bħan-Nazzjonijiet Uniti u n-NATO. Il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) ser tkompli tiżviluppa f'kumplementarjetà sħiħa man-NATO fil-qafas miftiehem tas-sħubija strateġika bejn l-UE u n-NATO u f'konformità mal-awtonomija ta' teħid ta' deċiżjonijiet u l-proċeduri ta' kull waħda. Dan jitolb li jkollhom il-mezzi neċessarji u jżommu livell suffiċjenti ta' investiment. Illum, il-Kunsill Ewropew qed jassumi impenn qawwi għall-iżvilupp ulterjuri ta' PSDK li tkun kredibbli u effettiva, f'konformità mat-Trattat ta' Lisbona u l-opportunitajiet li dan joffri. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Istati Membri biex japprofondixxu l-kooperazzjoni fir-rigward tad-difiża billi jtejbu l-kapaċità biex iwettqu missjonijiet u operazzjonijiet u billi jagħmlu użu sħiħ mis-sinerġiji sabiex itejbu l-iżvilupp u d-disponibbiltà tal-kapaċitajiet ċivili u militari meħtieġa, appoġġati minn Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) aktar integrata, sostenibbli, innovattiva u kompetittiva. Dan iġib miegħu wkoll benefiċċji f'termini ta' tkabbir, impjiegi u innovazzjoni għas-settur industrijali iġenerali Ewropew.
3. Bi tweġiba għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2012, twettqet ħidma importanti mill-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli, l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u l-Istati Membri. Fil-25 ta' Novembru 2013, il-Kunsill adotta konklużjonijiet sostanzjali li l-Kunsill Ewropew japprova.
4. Abbażi ta' dak, il-Kunsill Ewropew identifika għadd ta' azzjonijiet prijoritarji msawra madwar tliet fusijiet: jiżdiedu l-effikaċja, il-viżibbiltà u l-impatt tal-PSDK; jiżdied l-iżvilupp tal-kapaċitajiet u tissaħħaħ l-industrija Ewropea tad-difiża.

a) Aktar effikaċja, viżibbiltà u impatt fil-PSDK

5. Fis-snin reċenti sar progress f'għadd ta' oqsma relatati mal-PSDK. Il-bosta missjonijiet u operazzjonijiet ċivili u militari għall-immaniġġar ta' kriżijiet madwar id-dinja huma espressjoni tanġibbli tal-impenn tal-Unjoni għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Permezz tal-PSDK, l-Unjoni tħaddem aktar minn 7000 aġent fi 12-il missjoni ċivili u erba' operazzjonijiet militari. Fl-ambitu tax-xena internazzjonali, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jistgħu jużaw il-ħila unika li jlaqqgħu flimkien, b'mod konsistenti, il-linji politiċi u l-għodod, mid-diplomazija, is-sigurtà u d-difiża għall-finanzi, il-kummerċ, l-iżvilupp u l-ġustizzja. It-titjib ulterjuri tal-effiċjenza u tal-effettività ta' dan l-Approċċ Komprensiv tal-UE, inkluż kif japplika għall-manigiġġar ta' kriżijiet, huwa prijorità. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-preżentazzjoni tal-komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli.
6. L-Unjoni tibqa' impenjata bis-sħiħ li taħdem f'kollaborazzjoni mill-qrib mas-sħab tagħha dinjija, transatlantiċi u reġjonali. Kollaborazzjoni bħal din għandha tiġi żviluppata aktar fi spirtu ta' tisħiħ u komplementarjetà reċiproċi.
7. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza li l-pajjiżi sħab u l-organizzazzjonijiet reġjonali jingħatalhom appoġġ billi jiġu pprovduti b'taħriġ, pariri, taġmimir u riżorsi fejn adatt, sabiex ikunu jistgħu dejjem aktar jipprevjenu jew jimmaniġġaw il-kriżijiet waħedhom. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jiżguraw l-akbar koerenza possibbli bejn l-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri għal dan il-għan.

8. L-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jkunu kapaċi jippjanaw u jużaw ir-riżorsi ċivili u militari adegwati b'mod rapidu u effettiv. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa għal titjib fil-kapaċitajiet ta' reazzjoni rapida tal-UE, inkluż permezz ta' Gruppi tattiki tal-UE li jkunu aktar flessibbli u utilizzabbli hekk kif jiddeċiedu l-Istati Membri. L-aspetti finanzjarji tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet tal-UE għandhom jiġu eżaminati rapidament, inkluż fil-kuntest tar-reviżjoni tal-mekkaniżmu Athena, bil-ħsieb li titjieb is-sistema tal-iffinanzjar tagħhom, abbażi ta' rapport mir-Rappreżentant Għoli. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-proċeduri u r-regoli għall-missjonijiet ċivili jkunu jippermettu lill-Unjoni biex tkun aktar flessibbli u tħaffef il-mobilizzazzjoni tal-missjonijiet ċivili tal-UE.
9. Jibqgħu jitfaċċaw sfidi ġodda għas-sigurtà. Id-dimensjonijiet interni u esterni tas-sigurtà tal-Ewropa qed ikunu dejjem aktar interkonnessi. Biex l-UE u l-Istati Membri tagħha jkunu jistgħu jwieġbu, f'koerenza mal-isforzi tan-NATO, il-Kunsill Ewropew jappella għal:
- Qafas tal-UE dwar il-Politika għaċ-Ċiberdifiża fl-2014, abbażi ta' proposta mir-Rappreżentant Għoli, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża;
 - Strateġija tal-UE għas-Sigurtà Marittima sa Ġunju tal-2014, abbażi ta' Komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli, b'kont meħud tal-opinjonijiet tal-Istati Membri, u l-elaborazzjoni sussegwenti ta' pjani ta' azzjoni bħala rispons għall-isfidi marittimi;
 - aktar sinerġiji bejn il-PSDK u l-atturi tal-Libertà/is-Sigurtà/il-Ġustizzja biex jaffrontaw kwistjonijiet orizzontali bħall-migrazzjoni illegali, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu;
 - progress fl-iżvilupp ta' appoġġ mill-PSDK għal stati u reġjuni terzi, sabiex dawn jingħataw għajjnuna biex itejbu l-ġestjoni tal-fruntieri;
 - tisħiħ ulterjuri tal-kooperazzjoni biex jiġu trattati l-isfidi għas-sigurtà tal-enerġija.

Il-Kunsill Ewropew jistieden lir-Rappreżentant Għoli, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, biex tivvaluta l-impatt tat-tibdil fl-ambjent globali, u biex tirrapporta lill-Kunsill matul l-2015 dwar l-isfidi u l-opportunitajiet li jinqalgħu għall-Unjoni, wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri.

b) It-tisħiħ tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet

10. Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-iżvilupp tal-kapaċità militari hija kruċjali biex jinżammu l-kapaċitajiet ewlenin, jiġu rimedjati n-nuqqasijiet u jiġu evitati s-sensji. L-akkomunament tad-domanda, il-konsolidazzjoni tar-rekwiżiti u r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala jippermettu lill-Istati Membri biex itejbu l-użu effiċjenti tar-riżorsi u tiġi żgurata l-interoperabbiltà, inkluż mal-organizzazzjonijiet sħab ewlenin bħan-NATO. L-approċċi ta' kooperazzjoni li permezz tagħhom l-Istati Membri jew gruppi ta' Stati Membri fuq għażla tagħhom jiżviluppaw kapaċitajiet ibbażati fuq standards komuni jew jiddeċiedu dwar l-użu, il-manutenzjoni jew l-arranġamenti ta' taħriġ komuni, filwaqt li jkollhom aċċess għal dawn il-kapaċitajiet, jippermettu lill-parteciċipanti biex jibbenefikaw minn ekonomiji ta' skala u effikaċja militari msaħħa.
11. Il-Kunsill Ewropew jibqa' impenjat li jforni kapaċitajiet ewlenin u jindirizza n-nuqqasijiet fundamentali permezz ta' proġetti konkreti mill-Istati Membri, b'appoġġ mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża. B'kont meħud li l-kapaċitajiet huma tal-Istati Membri u operati minnhom, hu jilqa':
 - l-iżvilupp ta' Sistemi ta' Inġenji tal-Ajru Telepilotati (RPAS) fiż-żmien stabbilit bejn l-2020 u l-2025: tħejjijiet għal programm tal-ġenerazzjoni li jmiss rigward RPAS Ewropej ta' Altitudni Medja u Awtonomija fit-Tul; l-istabbiliment ta' komunità ta' utenti tar-RPAS fost l-Istati Membri parteciċipanti li huma sidien u joperaw dawn ir-RPAS; sinerġiji mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea dwar regolamentazzjoni (għal integrazzjoni inizjali tar-RPAS fis-Sistema Ewropea tal-Avjazzjoni sal-2016); finanzjament adatt mill-2014 għall-attivitajiet ta' R&Ż;

- l-iżvilupp tal-kapaċità għal riforniment ta' karburant fl-ajru: sar progress fiż-żieda tal-kapaċità ġenerali u t-tnaqqis fil-frammentazzjoni, speċjalment fir-rigward tal-istabbiliment ta' kapaċità ta' Tankers Multifunzjonali ta' Trasport, b'sinerġiji fil-qasam taċ-ċertifikazzjoni, kwalifika, appoġġ fis-servizz u t-taħriġ;
 - Komunikazzjoni bis-Satellita: tħejjijiet għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenzija Spazjali Ewropea; fl-2014 għandu jiġi stabbilit grupp ta' utenti;
 - Kwistjonijiet ċibernetiċi: l-iżvilupp ta' pjan direzzjonali u ta' proġetti konkreti b'fokus fuq taħriġ u eżerċizzji, it-titjib tal-kooperazzjoni ċivili/militari abbażi tal-istrateġija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà kif ukoll il-protezzjoni tar-riżorsi f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-UE.
12. Il-kooperazzjoni għandha tiġi ffaċilitata permezz ta' aktar trasparenza u qsim ta' informazzjoni fl-ippjanar għad-difiża, li tippermetti lill-pjanifikaturi nazzjonali u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jikkunsidraw aktar konverġenza tal-bżonnijiet u tal-iskadenzi tal-kapaċità. Biex titrawwem kooperazzjoni aktar sistematika u fit-tul, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Rappreżentant Għoli u lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża biex jippreżentaw qafas politiku adatt sa tmiem l-2014, b'koerenza sħiħa mal-proċessi ta' ppjanar eżistenti tan-NATO.
13. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-mudelli eżistenti ta' kooperazzjoni, bħall-Kmand Ewropew tat-Trasport bl-Ajru (EATC), u jhegġegħ lill-Istati Membri biex jesploraw modi biex jirreplikaw il-mudell tal-EATC f'oqsma oħrajn.

14. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress miksub fil-kooperazzjoni permezz tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża dwar l-Akkomunament u l-Kondiviżjoni. Hu jhegħegħ l-iżvilupp ulterjuri ta' inċentivi għal approċċi innovattivi għal din il-kooperazzjoni, inkluż billi jiġu investigati miżuri fiskali li ma johlqux distorsjoni fis-suq f'konformità mal-liġi Ewropea eżistenti. Huwa jistieden l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża biex teżamina modi kif l-Istati Membri jistgħu jikkooperaw b'mod aktar effettiv u effiċjenti fi proġetti komuni ta' akkwisti, bil-ħsieb li jirrappurtaw lura lill-Kunsill sa tmiem l-2014.
15. B'kont meħud ta' rikors frekwenti għal missjonijiet li fin-natura tagħhom huma ċivili, il-Kunsill Ewropew jappella għat-tisħiħ tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet ċivili u jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċità Ċivili.

c) It-tisħiħ tal-industrija tad-difiża tal-Ewropa

16. L-Ewropa għandha bżonn bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża (EDTIB) aktar integrata, sostenibbli, innovattiva u kompetittiva biex tiżviluppa u ssostni l-kapaċitajiet ta' difiża. Dan jista' wkoll isaħħaħ l-awtonomija strateġika tagħha u l-kapaċità tagħha li taġixxi mas-sħab. L-EDTIB għandha tiġi msaħħa sabiex ikunu żgurati l-effikaċja operazzjonali u s-sigurtà tal-provvista, waqt li tibqa' globalment kompetittiva u tistimola l-impjiegi, l-innovazzjoni u t-tkabbir madwar l-UE. Dawn l-isforzi għandhom jinkludu opportunitajiet għall-industrija tad-difiża fl-UE, li jkunu bilanċjati u jikkonformaw bis-sħiħ mal-liġi tal-UE. Il-Kunsill Ewropew jisħaq dwar il-ħtieġa li jiġu żviluppati aktar il-ħiliet neċessarji identifikati bħala essenzjali għall-futur tal-industrija Ewropea tad-difiża.

17. Suq tad-difiża li jiffunzjona tajjeb, ibbażat fuq ftuħ, trattament u opportunitajiet ugwali, u trasparenza għall-fornituri Ewropej kollha huwa kruċjali. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Lejn settur tad-difiża u tas-sigurtà aktar kompetittiv u effiċjenti". Hu jinnotta l-intenzjoni tal-Kummissjoni li, f'kooperazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, tiżviluppa pjan direzzjonali ta' implimentazzjoni. Hu jenfasizza l-importanza li jkunu żgurati l-implimentazzjoni sħiħa u korretta u l-applikazzjoni taż-żewġ Direttivi tal-2009 dwar id-Difiża, inter alia bil-għan li s-suq jinfetħ għal sottokuntratturi mill-Ewropa kollha, biex jiġu żgurati l-ekonomiji ta' skala u tkun possibbli ċirkolazzjoni aħjar ta' prodotti tad-difiża.

Riċerka – użu doppju

18. Biex tkun żgurata fit-tul il-kompetittività tal-industrija Ewropea tad-difiża u biex ikunu garantiti l-kapaċitajiet moderni meħtieġa, huwa essenzjali li tiġi kkonservata l-kompetenza esperta tar-Riċerka u t-Teknoloġija (R&T) fid-difiża, speċjalment rigward teknoloġiji kritiċi tad-difiża. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri biex iżidu l-investiment fi programmi ta' kooperazzjoni dwar ir-riċerka, b'mod partikolari l-investimenti kollaborattivi, u biex jimmassimizzaw is-sinerġiji bejn ir-riċerka nazzjonali u dik tal-UE. Ir-riċerka ċivili u ta' difiża jirrinfurzaw lil xulxin, inkluż f'teknoloġiji abilitanti ewlenin u teknoloġija għall-effiċjenza fl-enerġija. Il-Kunsill Ewropew għalhekk jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel evalwazzjoni dwar kif ir-riżultati taħt Orizzont 2020 jistgħu jkunu ta' benefiċċju wkoll għall-kapaċitajiet industrijali dwar difiża u sigurtà. Hu jistieden lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża biex jaħdmu mill-qrib mal-Istati Membri biex jiżviluppaw proposti sabiex tiġi stimolata ulterjorment ir-riċerka b'użu doppju. Ser tiġi stabbilita Azzjoni Preparatorja dwar riċerka relatata mal-PSDK, waqt li jitfittxu sinerġiji ma' programmi nazzjonali ta' riċerka kull meta possibbli.

Ċertifikazzjoni u standardizzazzjoni

19. L-iżvilupp tal-istandards u tal-proċeduri ta' ċertifikazzjoni tat-tagħmir tad-difiża jnaqqas l-ispejjeż, jarmonizza d-domanda u jsaħħaħ l-interoperabbiltà. L-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u l-Kummissjoni ser iħejju pjan direzzjonali sa nofs l-2014 għall-iżvilupp tal-istandards industrijali tad-difiża, mingħajr ma jkunu ripetuti l-istandards eżistenti, b'mod partikolari l-istandards tan-NATO. Flimkien mal-Kummissjoni u l-Istati Membri, l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża ser tiżviluppa wkoll l-għażliet biex jitbaxxew l-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni militari, inkluż biż-żieda tar-rikonossiment reċiproku bejn l-Istati Membri tal-UE. Hi għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar iż-żewġ materji sa nofs l-2014.

SMEs

20. L-SMEs huma element importanti fil-katina tal-provvista tad-difiża, sors ta' innovazzjoni u abilitanti ewlenin għall-kompetittività. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li l-SMEs ikollhom aċċess transkonfinali għas-suq u jenfasizza li għandu jsir użu sħiħ mill-possibiltajiet li toffri l-liġi tal-UE għal dawk li huma sottokuntrattar u ħruġ ta' liċenzji ġenerali għat-trasferiment u jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga l-possibiltajiet għal miżuri addizzjonali biex jinfetħu katini ta' provvista għall-SMEs mill-Istati Membri kollha. L-appoġġ għan-networks reġjonali tal-SMEs u r-raggruppamenti strateġiċi huwa wkoll ta' importanza kritika. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni biex jiġi promoss aktar aċċess mill-SMEs għas-swieq tad-difiża u tas-sigurtà u biex jitħeġġeġ involviment qawwi mill-SMEs fi programmi futuri ta' finanzjament mill-UE.

Sigurtà tal-Provvista

21. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza tal-arranġamenti għas-Sigurtà tal-Provvista għall-iżvilupp ta' ppjanar u kooperazzjoni fit-tul, u għall-funzjonament tas-suq intern tad-difiża. Hu jilqa' l-adozzjoni reċenti fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża ta' Arranġament Qafas imsaħħaħ dwar is-Sigurtà tal-Provvista u jappella lill-Kummissjoni biex flimkien mal-Istati Membri u f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża tiżviluppa pjan direzzjonali għal sistema komprensiva madwar l-UE għas-sigurtà tal-provvista, li tikkunsidra n-natura globalizzata ta' katini kruċjali ta' provvista.

d) It-triq 'il quddiem

22. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli, lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u lill-Istati Membri biex, fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom, jieħdu passi determinati u verifikabbli biex jimplimentaw l-orjentazzjonijiet imniżżla hawn fuq. Il-Kunsill Ewropew ser jivvaluta progress konkret dwar il-materji kollha f'Ġunju 2015 u ser jipprovdi aktar gwida, abbażi ta' rapport mill-Kunsill li jibbaża fuq kontributi mill-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża.

II. POLITIKA EKONOMIKA U SOĊJALI

23. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2014 u r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija ppreżentati mill-Kummissjoni. Hu jirrikonoxxi li filwaqt li l-irkupru ekonomiku għadu limitat, irregolari u fraġli, il-prospett ekonomiku qiegħed gradwalment jieħdu xejra aktar pożittiva. Il-konsolidazzjoni fiskali differenzjata favorevoli għat-tkabbir, ir-riekwilibriju intern u t-tiswija tal-karta tal-bilanċ tal-banek, kollha qed jipprogreddixxu ulterjorment. Il-qgħad stabilizza ruħu, għalkemm f'livelli għoljin li mhumiex aċċettabbli. L-implimentazzjoni determinata u ambizzjuża ta' politiki li hemm qbil dwarhom ser tappoġġa l-irkupru ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fl-2014 u l-2015.
24. L-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea ser ikomplu jieħdu azzjoni determinata għall-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli, l-impjiegi u l-kompetittività f'konformità mal-ħames priyoritajiet stabbiliti fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir.

25. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir jidentifika oqsma fejn għadhom jeżistu sfidi importanti u fejn hu meħtieġ aktar progress. Għandha tingħata attenzjoni speċifika lit-titjib tal-funzjonament u l-flessibbiltà tas-suq uniku għall-prodotti u s-servizzi, it-titjib tal-ambjent kummerċjali, u t-tiswija ulterjuri tal-karti tal-bilanċ tal-banek bil-għan li tiġi indirizzata l-frammentazzjoni finanzjarja u li jerġa' jibda jingħata self normali lill-ekonomija. Għandha tingħata prijorità għat-tisħiħ tal-kompetittività, għall-appoġġ tal-ħolqien tal-impjiegi u l-ġlieda kontra l-qgħad, b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażaġh, inkluż bl-implimentazzjoni sħiħa tal-garanzija għaż-żgħażaġh, u għas-segwitu tar-riformi rigward il-funzjonament tas-swieq tax-xogħol.

Il-politiki għandhom jiffokaw b'mod partikolari fuq:

- tisħiħ tal-inċentivi dwar it-taxxi u inċentivi oħrajn għall-ħolqien tal-impjiegi, inkluż biċ-ċaqliq tat-taxxi lil hinn mix-xogħol;
- estensjoni tal-ħajja fuq ix-xogħol, żieda tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, tisħiħ tal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol u tkomplija tal-immodernizzar tal-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ, inkluż tal-edukazzjoni tul il-ħajja u t-taħriġ vokazzjonali;
- l-iżgurar li l-iżviluppi fl-ispejjeż għall-ħaddiema jkunu konsistenti ma' kisbiet fil-produttività;
- indirizzar tad-disparitajiet fil-ħiliet;
- żieda fil-mobbiltà tal-ħaddiema.

Linji politiċi li jrawmu l-innovazzjoni u li jwasslu għal żidiet fil-produttività jibqgħu kruċjali.

L-implimentazzjoni tal-Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi

26. Il-Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi maqbul f'Ġunju tal-2012 jibqa' wieħed mill-għodod ewlenin tal-UE b'orjentazzjoni lejn ir-rilanċ tat-tkabbir, l-investment u l-impjiegi kif ukoll biex l-Ewropa ssir aktar kompetittiva. L-implimentazzjoni tal-Patt tibqa' l-element ewlieni għat-twettiq ta' dawn l-oġettivi. Għalkemm kien hemm progress sostanzjali f'għadd ta' oqsma, għandhom jitkomplew l-isforzi biex jiġi żgurat li l-potenzjal tal-Patt ikun sfruttat sal-massimu. Dan għandu jinżamm taħt eżami regolari mill-Kunsill. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll l-adozzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 u tal-programmi finanzjarji assoċjati li huma ta' sostenn għall-kisba tal-Istrateġija Ewropa 2020.

Il-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh tibqa' oġettiv prinċipali tal-istrateġija tal-UE għall-promozzjoni tat-tkabbir, il-kompetittività u l-impjiegi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Istati Membri li għadhom ma ppreżentawx il-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ biex jagħmlu dan mingħajr dewmien. Huwa jfakkar fl-impenn tiegħu sabiex l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ tibda taħdem bis-sħiħ minn Jannar 2014.

Tibqa' prijorità li jerġa' jkun hemm in-normalità fis-self lill-ekonomija, b'mod partikolari lill-SMEs. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-implimentazzjoni taż-żieda fil-kapital tal-BEI li tippermetti lill-bank iżid is-self tiegħu madwar l-UE bi 38 %, għal EUR 62 biljun din is-sena. Huwa jilqa' wkoll l-appoġġ mill-Grupp tal-BEI fl-2013 ta' EUR 23.1 biljun għall-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja fl-UE 28 kollha. F'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2013, il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu li jniedi l-inizjattiva dwar l-SMEs f'Jannar 2014, waqt li għandha tkompli l-ħidma fuq aktar żvilupp ta' għodod għall-futur. Huwa jappella lill-Istati Membri parteċipanti fl-inizjattiva dwar l-SMEs biex jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-BEI bil-kontribuzzjonijiet tagħhom sa tmiem is-sena. F'dan il-kuntest, huwa jilqa' l-mandat il-ġdid tal-BEI lill-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) sa EUR 4 biljun u jappella lill-Kummissjoni u lill-BEI biex isaħħu aktar il-kapaċità tal-FEI permezz ta' żieda fil-kapital tiegħu bil-għan li jintlaħaq qbil finali sa Mejju 2014.

Il-Kunsill Ewropew jappella għal aktar sforzi, b'mod partikolari, l-adozzjoni rapida tal-leġislazzjoni li fadal taħt l-Atti I u II dwar is-Suq Uniku, u l-implimentazzjoni rapida tal-miżuri inklużi fihom. Huwa jappella speċifikament lill-koleġislaturi biex jaslu malajr għal ftehim dwar l-aħħar żewġ proposti leġislattivi pendenti taħt l-Att dwar is-Suq Uniku I ("kollokazzjoni ta' ħaddiema" u "identifikazzjoni elettronika").

Il-Kunsill Ewropew jappella wkoll għal aktar azzjoni biex jitnaqqas il-piż tar-regolamentazzjoni permezz tal-implimentazzjoni u aktar żvilupp tal-programm REFIT u jistenna bil-ħerqa li jintlaħaq qbil dwar passi ulterjuri f'din id-direzzjoni fil-laqgħa tiegħu ta' Ġunju. Huwa ser jirritorna għall-kwistjoni kull sena fil-qafas tas-Semestru Ewropew.

27. Waqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Mejju 2013, il-Kunsill Ewropew jappella għal aktar progress fil-livell globali u dak tal-UE, fil-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa, l-ippjanar aggressiv tat-taxxi, l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt (BEPS) u l-ħasil tal-flus. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħidma mwettqa fl-OECD u f'fora internazzjonali oħra b'reazzjoni għall-isfida tat-tassazzjoni u biex tkun żgurata l-ekwità u l-effikaċja tas-sistemi tat-taxxa, b'mod partikolari l-iżvilupp ta' standard globali għall-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni, sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. B'żieda mar-ritmu miksub lejn aktar trasparenza fi kwistjonijiet ta' taxxa, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill biex kmieni fl-2014 jilħaq qbil politiku unanimu dwar id-Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva. Hu jappella biex jiġi n-negozjati mal-pajjiżi terzi Ewropej u jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport ta' progress fil-laqgħa tiegħu ta' Marzu. Fid-dawl ta' dan, id-Direttiva riveduta dwar it-tassazzjoni ta' dħul minn tfaddil sser tiġi adottata sa Marzu 2014. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tar-rapport tal-Kunsill lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa, jilqa' l-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar it-Tassazzjoni tal-Ekonomija Diġitali, u jistieden lill-Kummissjoni biex tippromovi soluzzjonijiet effettivi kompatibbli mal-funzjonament tas-Suq Intern, b'kont meħud tal-ħidma tal-OECD, u biex tirrapporta lura lill-Kunsill malajr kemm jista' jkun. Għandu jsir progress rapidu wkoll lejn qbil għall-emendament tad-Direttiva dwar kumpaniji prinċipali u sussidjarji.

Il-Kunsill Ewropew jappella għal progress ulterjuri dwar l-iżvelar ta' informazzjoni mhux finanzjarja minn gruppi kbar.

III. UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA

28. Mill-preżentazzjoni f'Diċembru li għadda tar-rapport "Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina" sar progress fil-ħidma rigward il-pedamenti ewlenin biex tissaħħa l-arkitettura tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM). Il-Kunsill Ewropew iffoka d-diskussjonijiet tiegħu fuq l-unjoni bankarja u ekonomika. Dan il-proċess jibbaża fuq il-qafas istituzzjonali tal-UE, b'rispett sħiħ għall-integrità tas-Suq Uniku, waqt li jiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti bejn l-Istati Membri tal-UE. Huwa ser ikun miftuħ u trasparenti għall-Istati Membri li ma jużawx il-munita unika.

Unjoni Bankarja

29. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-qbil finali li ntlaħaq bejn il-leġislaturi dwar id-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti u d-Direttiva dwar l-irkupru u r-rizuluzzjoni bankarja. Huwa jilqa' wkoll l-approċċ ġenerali u l-konklużjonijiet speċifiċi mil-ħuqa mill-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM). Flimkien mal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, l-SRM ser jirrappreżenta pass kruċjali lejn l-ikkompletar tal-Unjoni Bankarja. Il-Kunsill Ewropew jappella lil-leġislaturi biex jadottaw l-SRM qabel tmiem il-perijodu leġislattiv attwali

Sħubijiet għat-Tkabbir, l-Impjiegi u l-Kompetittività

30. Fis-snin reċenti nkiseb progress sinifikanti fil-governanza ekonomika. L-Istrateġija Ewropa 2020 u s-Semestru Ewropew jikkostitwixxu proċess integrat ta' koordinazzjoni politika li tippromwovi tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv fl-Ewropa. Fiż-żona tal-euro, jeħtieġ li l-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi jissaħħaħ aktar biex ikunu żgurati kemm il-konverġenza fl-UEM kif ukoll livelli ogħla ta' tkabbir sostenibbli. Koordinazzjoni eqreb tal-politiki ekonomiċi jgħin biex il-vulnerabbiltajiet ekonomiċi jinqabdu kmieni, u jippermetti li jiġu kkoreġuti fil-ħin.
31. Biex jintlaħaq dan, huwa essenzjali li jiżdied il-livell tal-impenn, l-appartenenza u l-implimentazzjoni tal-politiki u r-riformi ekonomiċi fl-Istati Membri taż-żona tal-euro, imsejsa fuq responsabbiltà u leġittimità demokratika b'saħħithom fil-livell fejn jittieħdu u jiġu implimentati d-deċiżjonijiet.
32. F'dan il-kuntest, huwa kruċjali li jkunu ffaċilitati u jingħata appoġġ għar-riformi tal-Istati Membri f'oqsma li huma ċentrali għat-tkabbir, il-kompetittività u l-impjiegi u li huma essenzjali għall-funzjonament bla xkiel tal-UEM b'mod ġenerali. Sħubijiet ibbażati fuq sistema ta' arranġamenti kuntrattwali maqbula b'mod reċiproku u mekkaniżmi assoċjati ta' solidarjetà jikkontribwixxu biex jiffaċilitaw u jappoġġaw politiki sani qabel ma l-pajjiżi jiffaċċjaw diffikultajiet ekonomiċi gravi.

33. Din is-sistema tkun inkorporata fis-Semestru Ewropew, tkun miftuħa għall-Istati Membri li mhumie x fiż-żona tal-euro u tkun għal kollox kompatibbli mas-Suq Uniku fl-aspetti kollha. Hija tkun tapplika għall-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro ħlief dawk soġġetti għal programm ta' aġġustament makroekonomiku.
34. L-arranġamenti kuntrattwali maqbula b'mod reċiproku jkunu jkopru firxa wiesgħa ta' politiki u miżuri li jsaħħu t-tkabbir u l-impjiegi, inklużi l-prestazzjoni tas-swieq tax-xogħol u tal-prodotti, l-effiċjenza tas-settur pubbliku, kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali. Huma jkunu jirriflettu l-prijoritajiet tal-politika ekonomika identifikati fl-analiżi kondiviża tal-Kunsill Ewropew tas-sitwazzjoni ekonomika fl-Istati Membri u ż-żona tal-euro bħala tali, u jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.
35. Is-sistema tas-sħubijiet tkun tinkludi mekkaniżmi assoċjati ta' solidarjetà li joffru appoġġ, kif ikun adatt, lill-Istati Membri li jidħlu f'arranġamenti kuntrattwali maqbula b'mod reċiproku, u b'hekk tgħin l-investiment f'politiki li jsaħħu t-tkabbir u l-impjiegi.

36. Ser titkompla aktar ħidma abbażi tal-elementi prinċipali li ġejjin:

- L-arranġamenti kuntrattwali maqbula b'mod reċiproku ser ikunu impenn żviluppat internament li jikkostitwixxi sħubija bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Kunsill. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma mressaq minn kull Stat Membru fil-kuntest tas-Semestru Ewropew ser ikun il-bażi għall-arranġamenti kuntrattwali maqbula b'mod reċiproku, li jieħu kont ukoll tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi. L-arranġamenti kuntrattwali maqbula b'mod reċiproku ser jitfasslu apposta għall-ħtiġijiet ta' kull Stat Membru individwali u ser jiffokaw fuq għadd limitat ta' lievi prinċipali għat-tkabbir sostenibbli, il-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi. L-oġettivi u l-miżuri ta' politika ekonomika inklużi fl-arranġamenti kuntrattwali maqbula b'mod reċiproku għandhom jitfasslu mill-Istati Membri, f'konformità mal-arranġamenti istituzzjonali u kostituzzjonali tagħhom, u għandhom jiżguraw l-appartenenza nazzjonali sħiħa permezz tal-involvement xieraq tal-parlamenti nazzjonali, is-sħab soċjali u partijiet interessati oħra rilevanti. Dawn għandhom jiġu diskussi u maqbula b'mod reċiproku mal-Kummissjoni, qabel ma jintbagħtu lill-Kunsill għall-approvazzjoni. Il-Kummissjoni ser tkun responsabbli milli ssegwi l-implimentazzjoni maqbula tal-arranġamenti kuntrattwali maqbula b'mod reċiproku abbażi ta' skadenzi maqbula b'mod konġunt.
- Dwar il-mekkaniżmi assoċjati ta' solidarjetà, ser tkompli l-ħidma għall-esplorazzjoni tal-għażliet kollha dwar in-natura preċiża (eż. self, għotjiet, garanziji), il-forma istituzzjonali u l-volum tal-appoġġ waqt li jkun żgurat li dawn il-mekkaniżmi ma joħolqux obbligi għall-Istati Membri li ma jiddux sehem fis-sistema tal-arranġamenti kuntrattwali maqbula b'mod reċiproku u l-mekkaniżmi assoċjati ta' solidarjetà; ma għandhomx isiru għodda ta' ugwalizzazzjoni tal-introjtu u lanqas ma għandu jkollhom impatt fuq il-Qafas Finanzjarju Pluriennali; għandhom jirrispettaw is-sovranià baġitarja tal-Istati Membri. Kull ftehim ta' appoġġ finanzjarju assoċjat mal-arranġamenti kuntrattwali maqbula b'mod reċiproku ser ikun ta' natura li torbot legalment. Il-President tal-BEI ser ikun assoċjat ma' din il-ħidma.

37. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-President tal-Kunsill Ewropew biex, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-President tal-Kummissjoni Ewropea, imexxi ħidma fuq sistema ta' arranġamenti kuntrattwali maqbula b'mod reċiproku u mekkaniżmi assoċjati ta' solidarjetà, abbażi tal-orjentazzjonijiet imsemmijin hawn fuq, u biex jirrapporta lill-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014, bil-għan li f'Ottubru 2014 jintlaħaq qbil globali dwar dawn iż-żewġ elementi. L-Istati Membri ser ikunu assoċjati mill-qrib ma' din il-ħidma.

Id-dimensjoni soċjali tal-UEM

38. Il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza tal-iżviluppi fl-impjiegi u fil-qasam soċjali fi ħdan is-Semestru Ewropew. Abbażi tal-ħidma mwettqa mill-Kunsill, il-Kunsill Ewropew jikkonferma r-rilevanza tal-użu ta' tabella ta' valutazzjoni ta' indikaturi ewlenin dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali kif deskritt fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi.
39. Għandha wkoll tkompli bil-ħeffa l-ħidma dwar l-użu ta' indikaturi għall-impjiegi u għall-qasam soċjali li jsegwu l-linji proposti mill-Kummissjoni bil-għan li dawn l-istrumenti ġodda jintużaw fis-Semestru Ewropew tal-2014. L-użu ta' din il-firxa usa' ta' indikaturi għandu jkollu l-iskop biss li jwassal għal fehim aktar ġenerali tal-iżviluppi soċjali.
40. Miżuri ulterjuri biex tittejjeb id-dimensjoni soċjali fiż-żona tal-Euro huma volontarji għal dawk barra mill-munita unika u ser ikunu kompatibbli b'mod sħiħ mas-Suq Uniku mill-aspetti kollha.

IV. FLUSSI TA' MIGRAZZJONI

41. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta r-rapport tal-Presidenza dwar il-ħidma tat-Task Force għall-Mediterran wara t-traġedji reċenti qrib il-kosta ta' Lampedusa. Il-Kunsill Ewropew itenni d-determinazzjoni tiegħu li jnaqqas ir-riskju li fil-futur iseħħu aktar traġedji ta' din ix-xorta.

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni li tiddekrivi t-tmienja u tletin azzjoni operazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-mobilizzazzjoni tal-isforzi kollha biex jiġu implimentati l-azzjonijiet proposti fil-komunikazzjoni b'perijodu ta' żmien ċar li għandu jiġi indikat mill-Kummissjoni. L-involvement miżjud ma' pajjiżi terzi sabiex ikun evitat li l-migranti jimbarkaw fuq vjaġġi perikolużi lejn l-Unjoni Ewropea għandu jingħata prijorità. Kampanji ta' informazzjoni, programmi ta' protezzjoni reġjonali sħubijiet ta' mobbiltà u politika ta' ritorn effettiva huma komponenti importanti ta' dan l-approċċ komprensiv. Il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza li jagħti lir-risistemazzjoni tal-persuni li jeħtieġu protezzjoni u lill-kontribut għall-isforzi globali f'dan il-qasam. Huwa jappella wkoll għat-tisħiħ tal-operazzjonijiet ta' sorveljanza fuq il-fruntieri tal-FRONTEx u l-azzjonijiet li jikkumbattu l-kuntributtu u t-traffikar tal-bnedmin, kif ukoll biex ikun żgurat li tintwera solidarjetà xierqa lill-Istati Membri kollha li huma taħt pressjoni migratorja qawwija.

42. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex iwettaq monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet. Huwa ser jerġa' lura għall-kwistjoni tal-asil u l-migrazzjoni f'Ġunju 2014 f'perspettiva ta' politika usa' u fuq perijodu ta' żmien itwal, meta jiġu ddefiniti linji gwida strateġiċi għal aktar ippjanar leġislattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Qabel dik il-laqgħa l-Kummissjoni mistiedna tirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ippreżentati fil-Komunikazzjoni tagħha.

V. TKABBIR U L-PROĊESS TA' STABBILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI

43. Il-Kunsill Ewropew jilqa' u japprova l-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fis-17 ta' Diċembru dwar it-Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

VI. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Id-disa' konferenza ministerjali tad-WTO

44. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-eżitu b'suċċess tad-disa' konferenza ministerjali tad-WTO f'Bali. B'mod partikolari, il-Ftehim ġdid ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ ser iġib benefiċċji sostanzjali lill-membri kollha tad-WTO u ser jistimola l-ħolqien ta' impjiegi ġodda u tkabbir. Dan l-eżitu fih ukoll deċiżjonijiet importanti li jippromwovu l-integrazzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment il-pajjiżi l-inqas żviluppati, fis-sistema tal-kummerċ dinji. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ tiegħu għas-sistema kummerċjali multilaterali u tistenna b'interess aktar tħaffif fin-negożjati bil-għan li jiġi konkluż iċ-Ċiklu ta' Doha.

Sirja

45. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-aħbar mis-SĠNU Ban Ki-Moon biex titlaqqa' konferenza dwar is-Sirja fit-22 ta' Jannar 2014 biex tinkiseb transizzjoni demokratika ġenwina u inklużiva fis-Sirja, kif spjegat fil-komunikat ta' Ġinevra tat-30 ta' Ġunju 2012. Hu jinsab imħasseb sew bis-sitwazzjoni umanitarja gravi li għad hemm fis-Sirja u bl-impatt serju tal-kriżi fuq il-pajjiżi ġirien. Fid-dawl tal-konferenza tad-donaturi dwar is-Sirja tal-15 ta' Jannar 2014 fil-Kuwajt, il-Kunsill Ewropew ifakkar fir-rwol ewlieni tal-UE li mexxiet l-isforzi internazzjonali tal-għajnuna b'mobilizzazzjoni ta' aktar minn EUR 2 biljun sa mill-bidu tal-kriżi. L-UE qed tappoġġa l-ħidma tal-organizzazzjonijiet umanitarji, b'mod partikolari l-aġenziji tan-NU. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-iffirmar din il-ġimgħa tal-akbar allokazżjoni finanzjarja umanitarja unika tal-UE li qatt saret. Huwa jikkonferma l-impenn tal-UE li tkompli tissolleċita l-aċċess umanitarju ġewwa s-Sirja sabiex tingħata għajnuna lil dawk fil-bżonn u li timmobilizza finanzjament adegwat abbażi ta' strateġija komprensiva dwar l-għajnuna, u jappella għal aktar miżuri li jtejbju l-effikacija tal-appoġġ tal-UE. Il-Kunsill Ewropew jappella wkoll lil donaturi internazzjonali ewlenin oħrajn biex iżidu u jassumu r-responsabbiltajiet tagħhom.

Repubblika Ċentru-Afrikana

46. Il-Kunsill jinsab estremament imħasseb bis-sitwazzjoni li qed tkompli tiddeterjora fir-Repubblika Ċentru-Afrikana u bil-konsegwenzi serji umanitarji u tad-drittijiet tal-bniedem tagħha. Hu jilqa' l-intervent militari kruċjali Franċiż, ibbażat fuq ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2127 (2013), b'appoġġ għall-forzi Afrikani biex jgħinu jerġa' jkun hemm is-sigurtà kif ukoll l-impenn konsistenti tas-sħab Afrikani tagħha biex tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni. Bħala parti minn approċċ komprensiv, il-Kunsill Ewropew jikkonferma d-disponibbiltà tal-UE biex teżamina l-użu ta' strumenti rilevanti biex tikkontribwixxi għall-isforzi li qed isiru għall-istabbilizzazzjoni tal-pajjiż, inkluż skont il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), fiż-żewġ dimensjonijiet tagħha, militari u ċivili. Huwa jistieden lir-Rappreżentant Għoli biex tippreżenta proposta f'dan ir-rigward għal deċiżjoni tal-Kunsill (Affarijiet Barranin) f'Jannar 2014.

Sħubija tal-Lvant

47. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-inizjalar tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mill-Ġeorġja u r-Repubblika tal-Moldova, inkluż Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi, fis-Summit tas-Sħubija tal-Lvant f'Vilnjus fit-28 u d-29 ta' Novembru. Il-Kunsill Ewropew jikkonferma mill-ġdid id-disponibbiltà tal-UE li tiffirma dawn il-ftehimiet malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn tmiem Awissu 2014.
48. L-Unjoni Ewropea tibqa' lesta li tiffirma l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluż iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, mal-Ukraina, hekk kif l-Ukraina tkun lesta. Il-Kunsill Ewropew jappella għat-trażżin, ir-rispett għad-drittijiet umani u fundamentali u soluzzjoni demokratika għall-kriżi politika fl-Ukraina li tissodisfa l-aspirazzjonijiet tal-poplu tal-Ukraina. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza d-dritt tal-Istati sovrani kollha li jieħdu d-deċiżjonijiet ta' politika barranija tagħhom stess mingħajr pressjoni esterna żejda.

VII. PUNTI OĦRA

Enerġija

49. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-rapporti tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u dwar ir-relazzjonijiet tal-enerġija esterna. F'dan il-kuntest, huwa jenfasizza l-hteġa għal azzjonijiet rapidi li jimplimentaw il-linji gwida stabbiliti mill-Kunsill Ewropew f'Mejju 2013, inkluża l-intensifikazzjoni tal-ħidma dwar l-interkonnessjonijiet tal-elettriku bejn l-Istati Membri. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-politika dwar l-enerġija fil-Kunsill Ewropew ta' Marzu.

Strateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Alpi

50. Waqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2011 u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valur miżjud tal-istrateġiji makroreġjonali ta' Ottubru 2013, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, telabora Strateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Alpi sa Ġunju 2015.